**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 81/2001</u>***

***Pulizija***
***Spettur Neil Harrison***
***v***
***Joseph Grech et***

Illum 31 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputati huma bazati fuq ir-reati ta' **Pussess illegali semplici tar-raza tal-cannabis u tal-pjanta ta' l-istess droga** referribilment ghat-22 ta' Novembru 1997 u fl-ahhar granet qabel din id-data.

Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta li meta l-imputati kienu go karozza huma ltaqghu ma' Road Block u skond ix-xhieda ta' wiehed mis-suldati pakkett intrema' minn din il-karozza.

Illi f'dan il-pakkett kien hemm droga cannabis forma ta' raza u forma ta' pjanta.

Illi l-imputati cahdu, kemm a tempo vergine kif ukoll fl-istqarrija taghhom lill-pulizija u fid-deposizzjoni taghhom quddiem din il-Qorti, li huma kellhom x'jaqsmu ma' dan il-pakkett.

Il-Qorti hija tal-fehema wara ezami rett tal-process, li f'dan il-kaz hemm konflitt dirett bejn il-provi tal-prosekuzzjoni u d-difiza: liema konflitt jiggenera dubju ragjonevoli li skond il-ligi ghandu jmur favur l-imputati in

omagg ghall-principju "In dubbio pro reo" u ghalhekk l-akkuzi dedotti kontra l-imputati ma jistghux jitqiesu bhala sodisfacentament provati skond il-ligi.

Ghal dawn il-mottivi tiddeciedi billi ma ssibx l-imputati hatja skond l-akkuzi tilliberhom minnhom.

***Dr. Noel Cuschieri***
***Masgistrat***